



2024/277

8.2.2024

DEĊIŻJONI TAL-KUMITAT KONĠUNT TAŻ-ŻEE Nru 218/2021

tad-9 ta' Lulju 2021

li temenda l-Anness IX (Servizzi finanzjarji) tal-Ftehim dwar iż-ŻEE [2024/277]

IL-KUMITAT KONĠUNT TAŻ-ŻEE,

Wara li kkunsidra l-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea ('il-Ftehim dwar iż-ŻEE'), u b'mod partikolari l-Artikolu 98 tiegħu,

Billi:

- (1) Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2021/85 tas-27 ta' Jannar 2021 dwar l-ekwivalenza għar-rekwiżiti tar-Regolament (UE) Nru 648/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-qafas regolatorju tal-Istati Uniti tal-Amerka għal kontropartijiet ċentrali li huma awtorizzati u ssorveljati mill-Kummissjoni tat-Titoli u l-Kambju tal-Istati Uniti ⁽¹⁾ għandha tiġi inkorporata fil-Ftehim dwar iż-ŻEE.
- (2) Jenħtieġ għalhekk, li l-Anness IX tal-Ftehim dwar iż-ŻEE jiġi emendat skont dan,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Il-punt li ġej jiddaħħal wara l-punt 31bcay (id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2020/1308) tal-Anness IX tal-Ftehim dwar iż-ŻEE:

"31bcay. **32021 D 0085:** Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2021/85 tas-27 ta' Jannar 2021 dwar l-ekwivalenza għar-rekwiżiti tar-Regolament (UE) Nru 648/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-qafas regolatorju tal-Istati Uniti tal-Amerka għal kontropartijiet ċentrali li huma awtorizzati u ssorveljati mill-Kummissjoni tat-Titoli u l-Kambju tal-Istati Uniti (ĠU L 29, 28.1.2021, p. 27)."

Artikolu 2

It-test tad-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni (UE) 2021/85 bil-lingwa İzlandiża u b'dik Norveġiża, li se jiġi ppubblikat fis-Suppliment taż-ŻEE ta' *Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*, għandu jkun awtentiku.

Artikolu 3

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fl-10 ta' Lulju 2021, dment li jkunu saru n-notifiki kollha skont l-Artikolu 103(1) tal-Ftehim dwar iż-ŻEE *.

Artikolu 4

Din id-Deċiżjoni għandha tiġi ppubblikata fit-Taqsima taż-ŻEE, u fis-Suppliment taż-ŻEE, ta' *Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

⁽¹⁾ ĠU L 29, 28.1.2021, p. 27.

* Ma huwa indikat l-ebda rekwiżit kostituzzjonali.

Magħmul fi Brussell, id-9 ta' Lulju 2021.

Għall-Kumitat Konġunt taż-ŻEE
Il-President
Rolf Einar FIFE
